MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 51/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Emmanuele Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emmanuele Farrugia talli gewwa Marsaxlokk fit-12 ta' Marzu 2003 u fiz-zmien ta qabel, bhala propjetarju tal-fond nru. 47, Triq il-Papa Piju V M'Xlokk, u bhala l-persuna responsabbli ghall-meter tal-elettriku fl-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita` mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikkommetta serq ta' dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u

bil-hin ai termini tal-artikoli 261, 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-istess meter tad-dawl ghad-dannu ta’ l-istess Korporazzjoni bi ksur tal-artikolu 326(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta’ Marzu 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Emmanuele Farrugia hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u lliberatu taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin mid-data ta' dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Emmanuele Farrugia li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u imputazzjoni skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. Godwin Muscat Azzopardi ghall-appellant u Dott. Mark Said ghall-appellat;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant kif jirrizulta mir-rikors ta' appell tieghu jirrikjedi apprezzament tal-provi.

Issa, huwu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-

konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jaghmel is-segwenti sottomissjonijiet biex jispjega l-bazi ta' l-aggravju tieghu:

"1. L-ewwel Qorti ma tatx kredibilita` lill-appellant meta dan qal li ma keriex il-post lill-terzi u emmnet minflok lill-terzi li qalu li kellhom l-impressjoni li l-appellant qal li kien kera l-post.
2. il-Qorti injorat ghal kollox il-fatt illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni rrizulta bla ebda dubju illi ma kien sar ebda serq ta' dawl. Dan gie konfermat mir-rapprezentanti tal-Enemalta stess.
3. il-Qorti striehet fuq opinjoni ta' xhud tekniku li qal li l-meter in kwistjoni kien juri xi marki recenti pero` mkien ma ddefinixa x'kien ifisser bil-kelma 'recenti'.
4. Bir-rispett lejn l-ewwel Qorti jekk kienet konvinta li l-post kien jinkera, allura kien hemm terzi f'okkupazzjoni 'recenti' li kellhom interess ibaghbsu l-meter - una volta li l-appellant ikkonferma li hu ma kienx miss il-meter, id-dubju kellu jmur favur tieghu.
5. L-artikoli citati mill-ewwel Qorti ghar-rigward tal-htija tal-akkuzat kollha hlief l-Artikolu 326(f) tal-Kap. 9 jirrigwardaw is-serq tal-kurrent elettriku haga li giet eskluza kategorikament mix-xiehda tal-Prosekuzzjoni".

Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti fiha rassenja tax-xhieda li nstemghu quddiemha. Mill-konsiderazzjoni li ghamlet

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Wahid Ahmed A. Elawami**, 1 ta' Settembru 2004; **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

dwar il-kredibilita` ta' l-appellant huwa ovvju li l-ewwel Qorti ma tatux kredibilita` meta xehed quddiemha li l-post qatt ma kien abitat sa minn meta gie f'idejh b'att ta' divizjoni ta' l-4 ta' Ottubru 1988 pubblikat min-Nutar Dottor Tonio Spiteri. Dan ghamlitu a bazi (1) tax-xiehda ta' l-Ispettur Joseph Agius li qal li meta l-Pulizija kellmet lill-appellant dan qal li ma kienx jaf bit-toqba fil-meter u li kien jikri d-dar in kwistjoni lil terz u (2) tar-rapport li l-Ispettur Agius ghamel lill-Magistrat Inkwerenti fejn kiteb li l-appellant qal li kien jikri l-post lil terzi. Jekk il-fond in kwistjoni kien verament qieghed jinkera lil terzi, dan kellu jimmilita favur l-appellant peress li jfisser li kien hemm xi perijodu jew perijodi meta l-istess fond kien fil-pussess ta' terzi. Pero` l-appellant fix-xiehda tieghu cahad li qatt krieh, qal li minn mindu wirtu hallieh maghluq u mhux abitat izda li xi erba' jew hames snin qabel ghamel xi rinnovar fil-post li kien jinkludi l-irrangar ta' kamra tal-banju u l-mghoddija tal-wires ta' l-elettriku fil-conduit. Din il-Qorti tosserva li minn imkien ma jirrizulta li l-Ispettur Joseph Agius personalment kien kellem lill-appellant u fix-xiehda tieghu l-kliem testwali li uza kienu: "Nghid li dan Emanuel Farrugia meta gie mkellem mill-pulizija dwar it-tbaghbis fil-meter …". Minn din ix-xiehda ma jirrizultax min kellem lill-appellant. Ghalhekk, jekk l-Ispettur Agius kien qieghed jirreferi ghal xi informazzjoni li kien inghata minn terza persuna, dik l-informazzjoni tista' titqies biss bhala *hearsay evidence*. Inoltre mir-*record of consumption* (Dok. SD2 a fol. 28) jirrizulta li kull darba li mar il-*meter reader* biex jaqra l-konsum fuq il-meters tad-dawl u ta' l-ilma, dejjem sab il-post maghluq. Sahansitra jirrizulta li meta marru l-haddiema ta' l-Enemalta biex ibiddlu l-meter, il-post kien maghluq u kien biss wara li cemplu fuq numru ta' telefon li kellhom li giet mart l-appellant biex tifthilhom. Ghalhekk din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex l-appellant m'ghandux jitwemmen meta nsista li l-fond in kwistjoni ma kienx jinkera. Naturalment dan jitfa' piz akbar fuq l-appellant biex jipprova li ma kienx jaf li l-meter kien imtaqqab, aktar u aktar meta hemm ix-xiehda ta' Silvio Decelis, administrative officer fil-finance division tal-Korporazzjoni Enemalta, li, konfortat mill-imsemmi Dok. S2, xehed li konsum ta' elettriku kien qieghed isir fl-imsemmi fond. Din il-Qorti m'ghanda l-ebda dubju li xi

konsum ta' elettriku kien qieghed isir fil-fond in kwistjoni, izda jekk hux rizultat tal-fatt li seta' l-imsemmi fond kien abitat ghal xi zmien jew hux ir-rizultat tax-xoghlijiet li saru fl-istess fond huwa sa certu punt irrilevanti. Il-mistoqsija hi jekk effettivament kienx qieghed isir serq ta' kurrent elettriku.

Issa, mill-konstatazzjonijiet li saru fuq il-post u kif jirrizulta mir-rapport ta' l-espert tekniku, minbarra toqba fil-ghata tal-meter kien hemm sigill tac-comb wiehed u dan kien jidher imbaghbas, ma kienx hemm gasket fuq in-naha ta' gewwa ta' l-ghata tal-meter u kien hemm sinjali ta' brix mad-diska ta' l-istess meter. Il-perit tekniku fil-fatt ikkonkluda li l-uniku sigill li kien ghad baqa' kien infetah sabiex setghet tinfetah l-ghata tal-meter u ttaqbet l-ghata sabiex setghet tiddahhal xi haga bil-ponta u soda biex twaqqaf id-diska milli ddur. U dwar it-toqba fil-meter, l-espert tekniku meta xehed quddiem l-ewwel Qorti qal li mill-ezami li ghamel tat-toqba fil-meter ikkonstata "li din kienet recenti u fil-fatt din ma kellhiex skorca ta' hadid [**recte:** sadid] madwarha li jindika li jkun ghadda xi zmien minn mindu kienet saret."

L-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali jipprovdi testwalment:

**"Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku jew ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-*meters* taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi *meter*, jew fil-kaz ta' l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-*meter* tal-kwantita` mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skond ma jkun il-kaz"**.

Ghalhekk jista' jinghad li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li sar xi tbaghbis fil-meter u ksur ta' sigilli u dan

johloq prezunzjoni *juris tantum* li d-detentur tal-fond, cioe` l-appellant, kien jaf li kien qieghed isir konsum illegittimu ta' kurrent elettriku. Naturalment irid jirrizulta mill-provi li fil-fatt kien qieghed isir tali konsum illegittimu.

F'kaz analogu ghal dak odjern, u cioe` fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Abela** deciz fis-16 ta' Lulju 1990[2] din il-Qorti diversament presjeduta qalet li l-prezenza ta' toqba biss fil-meter minghajr il-mezzi biex iwaqqfu l-meter jikkreja biss suspett u qalet li *"din il-Qorti qatt ma waslet biex tikkundanna lil xi hadd sempliciment fuq suspett"*.

Bhal fil-kaz appena citat, fil-kaz odjern ma nstabux mezzi qarrieqa li kienu qeghdin attwalment iwaqqfu d-diska. Kien hemm biss it-toqba. Dan jikkonfermah l-espert tekniku Horace Anastasi fix-xiehda tieghu li jghid ukoll li l-meter kien qieghed jirregistra. Izda dak li hu aktar importanti, peress li, wara kollox, mhuwiex necessarju li l-oggett li bih tkun qed titwaqqaf id-diska jinsab proprju fil-meter, hija x-xiehda ta' l-imsemmi Silvio Decelis. Dan ighid testwalment hekk: "meta wiehed jikkonsidra l-load tal-fond li jindika li ma kienx fih hafna apparat, jara l-estimations plus l-accumulations, dan juri li l-post kien hemm li qed jinhela d-dawl u mhux il-post allura kien maghluq u ma jintuzax. Nghid li ahna mill-ezamijiet ta' l-estimations u l-accumulation wasalna ghall-konkluzjoni li kien hemm uzu normali tal-fond bhala konsum u jekk wiehed jghodd l-accumulation u imbaghad jikkomparah mar-rizultanzi ta' l-ispezzjoni jindika li allura r-rizultat ikun li jkun ibbilancjat". Difatti l-istess xhud ma esibiex stima ta' kurrent elettriku misruq, ossia ikkunsmat illegalment. Dan jista' jfisser biss li, nonostante li l-meter kien imtaqqab u kien hemm xi brix fuq id-diska, ma saret l-ebda prova li effettivament sar serq ta' kurrent elettriku galadarba hemm bilanc bejn il-load fil-fond u l-ahhar qari li sar meta nbidel il-meter. Punt iehor li trid tosserva din il-Qorti hi dwar il-kumment tal-perit tekniku li t-toqba fil-meter kienet tidher "recenti" ghax ma kellhiex skorca ta' sadid, u cioe` li ma tax indikazzjoni ta' kemm setghet it-toqba ttaqbet "recentement". M'hemm l-

[2] Vol. LXXIV.v.699.

ebda dubju li l-meter kien antik - difatti jirrizulta li twahhal fil-fond fis-16 ta' Awissu 1960 - izda mix-xiehda tas-senior fitter tal-Enemalta John Camilleri jirrizulta li ma kienx "imsaddad esagerat". Jigifieri l-meter kien pjuttost ghadu f'kondizzjoni tajba. Fl-ahharnett din il-Qorti tirreferi ghac-cahda kategorika ta' l-appellant meta xehed quddiem il-perit tekniku li huwa qatt miss jew ra lil min imiss il-meter in kwistjoni. L-istess ghamel meta xehed quddiem l-ewwel Qorti fejn ikkonferma li la hu personalment u lanqas ma qabbad lil xi hadd biex b'xi mod ibaghbas il-meter in kwistjoni.

Fil-fehma ta' din il-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tikkonkludi li l-appellant huwa hati ta' serq ta' kurrent elettriku. Konsegwentement ma jistax lanqas jitqies hati li ghamel hsara volontarja fl-istess meter galadarba m'hemm l-ebda prova li huwa b'xi mod miss jew qabbad lil min imiss l-imsemmi meter.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------